DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/666

tas-6 ta' April 2017

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-27 ta' Mejju 2016, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 [1] dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea (ir-"RDPK") li, fost affarijiet oħra, implimentat ir-Riżoluzzjonijiet 1718 (2006), 1874 (2009), 2087 (2013), 2094 (2013) u 2270 (2016) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

(2) Fit-30 ta' Novembru 2016, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU adotta r-Riżoluzzjoni 2321 (2016), li tesprimi t-tħassib mill-aktar serju tiegħu dwar it-test nukleari li sar mir-RDPK fid-9 ta' Settembru 2016 bi ksur tar-Riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, tkompli tikkundanna l-attivitajiet nukleari u ta' missili ballistiċi li r-RDPK qed tagħmel u tiddikjara li dawn huma ksur serju tar-Riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, u tiddetermina li attivitajiet bħal dawn għadhom jirrappreżentaw theddida ċara għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali fir-reġjun u lil hinn minnu.

(3) Fit-12 ta' Diċembru 2016, il-Kunsill adotta konklużjonijiet li jikkundannaw bil-qawwa t-testijiet nukleari u l-isparar multiplu ta' missili ballistiċi li twettqu mir-RDPK fl-2016 u jiddikjaraw li dawn jirrappreżentaw theddida serja għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali u jdgħajfu r-reġim dinji ta' nonproliferazzjoni u diżarm li l-Unjoni ilha tappoġġjah b'mod kontinwu għal għexieren ta' snin.

(4) Fid-dawl tal-azzjonijiet tar-RDPK, li huma meqjusin theddida gravi għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali fir-reġjun u lil hinn minnu, il-Kunsill iddeċieda li jimponi miżuri restrittivi addizzjonali.

(5) Il-Kunsill iddeċieda li jespandi l-projbizzjoni fuq l-investiment fi u mar-RDPK għal setturi ġodda, jiġifieri, l-industrija marbuta mal-armi konvenzjonali, il-metallurġija u l-ħidma tal-metalli, u s-settur ajruspazjali.

(6) Il-Kunsill qabel li jiġi pprojbit l-għoti ta' ċerti servizzi lil persuni jew entitajiet fir-RDPK. Din il-projbizzjoni tirrigwarda servizzi tal-kompjuter u servizzi relatati, servizzi inċidentali għall-minjieri, servizzi inċidentali għall-manifattura fl-industrija kimika, tal-minjieri u tar-raffinament u oqsma oħra pprojbiti għall-investiment mill-Unjoni.

(7) Il-Kunsill jerġa' jappella lir-RDPK biex terġa' tidħol fi djalogu kredibbli u sinifikattiv mal-komunità internazzjonali, b'mod partikolari fil-qafas tat-Taħditiet bejn Sitt Partijiet, twaqqaf il-provokazzjonijiet tagħha, u tabbanduna l-armi nukleari u l-programmi nukleari eżistenti kollha b'mod sħiħ, verifikabbli u irriversibbli.

(8) Hi meħtieġa aktar azzjoni mill-Unjoni sabiex jiġu implimentati ċerti miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni.

(9) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2016/849 hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 11(2), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-akkwist jew l-estensjoni ta' parteċipazzjoni fi kwalunkwe entità fir-RDPK, jew entità tar-RDPK jew entità li hija proprjetà tar-RDPK barra mir-RDPK, li hija involuta f'attivitajiet li jinvolvu l-attivitajiet jew il-programmi tar-RDPK relatati mal-armi nukleari, mal-missili ballistiċi jew armi oħra ta' qerda massiva, fl-industrija marbuta

[1] Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/849 tas-27 ta' Mejju 2016 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li tħassar id-Deċiżjoni 2013/183/PESK (ĠU L 141, 28.5.2016, p. 79).

mal-armi konvenzjonali, jew f'attivitajiet fis-setturi tal-industriji tal-minjieri, tar-raffinament u tal-kimiċi, fis-setturi tal-metallurġija u l-ħidma tal-metalli, u s-settur ajruspazjali, inkluż l-akkwist b'mod sħiħ ta' tali entitajiet u l-akkwist ta' ishma, u titoli oħrajn ta' natura parteċipattiva;".

(2) Fl-Artikolu 11(2), il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) l-għoti ta' servizzi ta' investiment li huma relatati b'mod dirett jew indirett mal-attivitajiet imsemmija fil-punti (a) sa (c).".

(3) Jiddaħħal il-Kapitolu li ġej:

"KAPITOLU Va

RESTRIZZJONIJIET FUQ L-GĦOTI TA' SERVIZZI

Artikolu 22a

1. L-għoti ta' servizzi inċidentali għall-minjieri u l-għoti ta' servizzi inċidentali għall-manifattura fl-industrija tal-kimiċi, tal-minjieri u tar-raffinament, lir-RDPK minn ċittadini ta' Stati Membri jew mit-territorji ta' Stati Membri għandu jkun ipprojbit sew jekk is-servizzi joriġinaw fit-territorji tal-Istati Membri u sew jekk le.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, jistgħu jawtorizzaw l-għoti ta' servizzi inċidentali għall-minjieri u l-għoti ta' servizzi inċidentali għall-manifattura fl-industrija tal-kimiċi, tal-minjieri u tar-raffinament, sa fejn tali servizzi jkunu maħsuba biex jintużaw esklużivament għal skopijiet ta' żvilupp li jindirizzaw direttament il-ħtiġijiet tal-popolazzjoni ċivili jew il-promozzjoni tad-denuklearizzazzjoni.

3. L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tiddetermina s-servizzi rilevanti li għandhom ikunu koperti mill-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 22b

Il-projbizzjoni fl-Artikolu 22a għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni sad-9 ta' Lulju 2017 ta' kuntratti konklużi qabel it-8 ta' April 2017 jew kuntratti anċillari neċessarji għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

Artikolu 22c

1. L-għoti ta' servizzi tal-kompjuter u servizzi relatati lir-RDPK minn ċittadini ta' Stati Membri jew mit-territorji ta' Stati Membri għandu jkun ipprojbit, sew jekk is-servizzi joriġinaw fit-territorji tal-Istati Membri u sew jekk le.

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika fir-rigward ta' servizzi tal-kompjuter u servizzi relatati pprovduti esklużivament għall-użu minn missjoni diplomatika jew konsulari jew għal organizzazzjoni internazzjonali li tgawdi minn immunitajiet skont id-dritt internazzjonali.

3. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika fir-rigward ta' servizzi tal-kompjuter u servizzi relatati pprovduti esklużivament għal skopijiet ta' żvilupp li jindirizzaw direttament il-bżonnijiet tal-popolazzjoni ċivili jew il-promozzjoni tad-denuklearizzazzjoni minn korpi pubbliċi jew minn persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jirċievu finanzjament pubbliku mill-Unjoni jew mill-Istati Membri.

4. F'każijiet mhux koperti mill-paragrafu 3, u b'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jagħtu awtorizzazzjoni għall-għoti ta' servizzi tal-kompjuter u servizzi relatati pprovduti esklużivament għal skopijiet ta' żvilupp li jindirizzaw direttament il-ħtiġijiet tal-popolazzjoni ċivili jew il-promozzjoni tad-denuklearizzazzjoni.

5. L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri neċessarji sabiex tiddetermina s-servizzi rilevanti li għandhom ikunu koperti mill-paragrafi 1.

Artikolu 22d

Il-projbizzjoni fl-Artikolu 22c għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni sad-9 ta' Lulju 2017 ta' kuntratti konklużi qabel it-8 ta' April 2017 jew kuntratti anċillari neċessarji għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' April 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

L. GRECH